



**KUNSILL  
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 25 ta' Ġunju 2012  
(OR. en)**

**11855/12**

**COHOM 163  
PESC 822  
COSDP 546  
FREMP 100  
INF 110  
JAI 476  
RELEX 603**

**EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI**

---

Minn: Segretarjat Ġenerali

Data: 25 ta' Ġunju 2012

---

Nru dok. preċ.: 11417/12

---

Suġġett: Drittijiet tal-Bniedem u Demokrazija: Qafas Strateġiku tal-UE u Pjan ta' Azzjoni tal-UE

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż pakkett li jikkonsisti mill-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija (ANNEX I), il-Qafas Strateġiku tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija (ANNEX II) u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija (ANNEX III), kif adottat mill-Kunsill fil-25 ta' Ġunju 2012.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija**

1. Filwaqt li jenfasizza d-determinazzjoni tal-UE li tippromwovi d-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja kollha, il-Kunsill illum jadotta l-Qafas Strateġiku tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija, biex jiggwida l-impenn tal-UE fis-snin li ġejjin. Fl-istess waqt, il-Kunsill jadotta Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija għall-implimentazzjoni tal-Qafas Strateġiku.
2. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza ta' Rappreżentant Speċjali tal-UE (RSUE) dwar id-Drittijiet tal-Bniedem biex tissaħħaħ l-effettività u l-viżibbiltà tal-politika tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u jistenna b'interess li dan ir-RSUE jinħatar malajr.
3. Il-Kunsill huwa impenjat li jaħdem f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea, u fi spirtu ta' sħubija ġenwina mas-soċjetà ċivili.
4. L-UE impenjat ruħha li taħdem ma' sħab, fora multilaterali u organizzazzjonijiet internazzjonali fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija.

## Qafas Strateġiku tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija

### **Id-drittijiet tal-bniedem fil-politika kollha tal-UE**

L-Unjoni Ewropea hi msejsa fuq determinazzjoni kondiviża biex jiġu promossi l-paċi u l-istabbiltà u biex tinbena dinja msejsa fuq ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt. Dawn il-prinċipji jirfdu l-aspetti kollha tal-politika interna u esterna tal-Unjoni Ewropea.

Id-drittijiet tal-bniedem huma normi legali applikabbli universalment. Id-demokrazija hija aspirazzjoni universali. Fid-dinja kollha, in-nisa u l-irġiel jesieġu li jgħixu ħajja ta' libertà, dinjità u sigurtà f'soċjetajiet miftuħa u demokratiċi mirfuda minn drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt. Paċi sostenibbli, żvilupp u prosperità huma possibbli biss meta jkunu mibnija fuq ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt.

Madankollu, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija ma jistgħux jittieħdu bħala fatt. Id-differenzi kulturali jpoġġu f'dubju n-natura universali tagħhom. It-teknoloġiji moderni tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, filwaqt li jiffaċilitaw l-iskambju liberu ta' informazzjoni bejn individwi, żiedu wkoll b'mod massiv il-poter koersiv ta' stati awtoritarji.

L-UE hi konxja ta' dawn l-isfidi u tinsab determinata li ssaħħaħ l-isforzi tagħha biex ikun żgurat li d-drittijiet tal-bniedem jiġu realizzati għal kulħadd. L-UE ser tkompli tappoġġa bis-siġħ lid-difensuri tal-libertà, id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem fid-dinja kollha.

## **Promozzjoni tal-universalità tad-drittijiet tal-bniedem**

L-UE tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha biex tippromwovi u tħares id-drittijiet kollha tal-bniedem, dawk ċivili jew politiċi, kif ukoll dawk ekonomiċi, soċjali jew kulturali. L-UE tappella lill-Istati kollha biex jimplimentaw id-dispożizzjonijiet tad-Dikjarazzjoni Universali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u biex jirratifikaw u jimplimentaw it-trattati ewlenin dwar id-drittijiet tal-bniedem, inklużi l-konvenzjonijiet prinċipali dwar id-drittijiet tax-xogħol, kif ukoll l-istrumenti reġjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem. L-UE ser tesprimi ruħha kontra kull tentattiv li jsir biex jiġi mminat ir-rispett għall-universalità tad-drittijiet tal-bniedem.

Il-Komunikazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni Ewropea u tar-Rappreżentant Għoli tal-UE għall-Affarjiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà *'Drittijiet tal-Bniedem u Demokrazija fil-Qalba tal-Azzjoni Esterna tal-UE – Lejn Approċċ Aktar Effettiv'*, li tanalizza l-impatt tal-politika sal-lum u tipproponi oqsma għal azzjoni ulterjuri, hija kontribut siewi għall-iżvilupp ta' strategja tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem għall-promozzjoni ta' dawn l-għanijiet permezz tal-azzjoni esterna tagħha.

## **Lejn objettivi koerenti**

L-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea affierma mill-ġdid id-determinazzjoni tal-UE li tippromwovi d-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija permezz tal-azzjonijiet esterni kollha tagħha. Id-dħul legali fis-seħħ tal-Karta tal-UE dwar id-Drittijiet Fundamentali, u l-prospett tal-aċċettazzjoni mill-UE tal-ġurisdizzjoni tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem permezz tal-adeżjoni tagħha għall-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, jissottolinjaw l-impenn tal-UE għad-drittijiet tal-bniedem fl-isferi kollha. 'Il ġewwa mill-fruntieri tagħhom proprji, l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom l-impenn li jkunu ta' eżempju billi jiżguraw ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem. Lil hinn mill-fruntieri tagħhom, hija r-responsabbiltà konġunta tal-UE u tal-Istati Membri tagħha li jippromwovu u jesprimu ruħhom dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija.

L-UE tfittex li timpedixxi vjolażżjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem fid-dinja kollha u, fejn iseħħu vjolażżjonijiet, tiżgura li l-vittmi jkollhom aċċess għall-ġustizzja u r-rimedju u li dawk responsabbli jinżammu responsabbli. Għalhekk, l-UE ser iżżid l-isforzi tagħha fil-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt fl-aspetti kollha tal-azzjoni esterna. Ser issaħħaħ il-kapaċitajiet u l-mekkaniżmi tagħha għal twissija bikrija u l-prevenzjoni ta' kriżijiet li jistgħu jwasslu għal vjolażżjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem. Ser tappfondixxi l-kooperazzjoni tagħha mal-pajjiżi sħab, l-organizzazzjonijiet internazzjonali u s-soċjetà ċivili, u tibni sħubiji ġodda biex tadatta għal ċirkostanzi li qed jinbidlu. L-UE ser issaħħaħ il-ħidma tagħha mas-sħab madwar id-dinja biex tkun appoġġata d-demokrazija, b'mod partikolari l-iżvilupp ta' proċessi elettorali ġenwini u kredibbli u istituzzjonijiet demokratiċi, rappreżentattivi u trasparenti għas-servizz taċ-ċittadin.

### **Drittijiet tal-bniedem fil-politiki esterni kollha tal-UE**

L-UE ser tippromwovi d-drittijiet tal-bniedem fl-oqsma kollha tal-azzjoni esterna tagħha mingħajr eċċezzjoni. B'mod partikolari, ser tintegra l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-kummerċ, l-investment, it-teknoloġija u t-telekomunikazzjoni, l-Internet, l-enerġija, l-ambjent, ir-responsabbiltà soċjali tal-kumpanniji u l-politika tal-iżvilupp kif ukoll fil-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni u d-dimensjonijiet esterni tal-politika dwar l-impjiegi u l-politika soċjali u l-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja, inkluża l-politika għal kontra t-terroriżmu. Fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, ser jintuża approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem biex ikun żgurat li l-UE ssaħħaħ l-isforzi tagħha biex tassisti l-pajjiżi sħab jimplimentaw l-obbligi internazzjonali tagħhom fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem.

## **Implimentazzjoni tal-prijoritajiet tal-UE fuq id-drittijiet tal-bniedem**

L-UE ser tkompli tippromwovi l-libertà ta' espressjoni, opinjoni, għaqda u assoċjazzjoni, kemm online kif ukoll offline; id-demokrazija ma tistax teżisti mingħajr dawn id-drittijiet. Hi ser tippromwovi l-libertà ta' reliġjon jew twemmin u tiġġieled kontra d-diskriminazzjoni fil-forom kollha tagħha permezz tal-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni minħabba razza, etniċità, età, sess jew orjentazzjoni sesswali u l-promozzjoni tad-drittijiet tat-tfal, ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi, persuni indiġeni, refuġjati, migranti u persuni b'diżabbiltajiet. L-UE ser tkompli bil-kampanja tagħha għad-drittijiet u l-ġoti ta' poter lin-nisa fil-kuntesti kollha permezz tal-ġlieda kontra leġislazzjoni diskriminatorja, vjolenza bbażata fuq sess u l-marġinalizzazzjoni. L-UE ser tintensifika l-isforzi tagħha fil-promozzjoni tad-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali; l-UE ser issaħħaħ l-isforzi tagħha biex tiżgura aċċess universali u nondiskriminatorju għal servizzi bażiċi, b'enfasi partikolari fuq gruppi fqar u vulnerabbli. L-UE ser tteġġegħ l-implimentazzjoni tal-Prinċipji ta' Gwida tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem u ser tikkontribwixxi għaliha.

Il-piena tal-mewt u t-tortura jikkostitwixxu vjolazzjonijiet serji tad-drittijiet tal-bniedem u d-dinjità umana. Imhegħa mill-momentum dejjem jikber lejn l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt fid-dinja kollha, l-UE ser tkompli bil-kampanja tagħha li ilha għaddejja kontra l-piena tal-mewt. L-UE ser tkompli, b'mod vigoruż, bil-kampanja kontra t-tortura u t-trattament krudili, inuman u degradanti.

Amministrazzjoni ġusta u imparzjali tal-ġustizzja hija essenzjali għas-salvagwardja tad-drittijiet tal-bniedem. L-UE ser iżżid l-isforzi tagħha biex tippromwovi d-dritt għal proċess ġust u l-ugwaljanza f'għajnejn il-liġi. L-UE ser tkompli tippromwovi l-osservanza tal-liġi umanitarja internazzjonali; ser tiġġieled b'mod vigoruż kontra l-impunità fir-rigward ta' atti kriminali serji u ta' tħassib għall-komunità internazzjonali, inkluża l-vjolenza sesswali mwettqa f'konnessjoni ma' konflitti armati, uko ll permezz tal-impenn tagħha għall-Qorti Kriminali Internazzjonali.

Individwi kuraġġu li jiġġieldu għad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja ta' spiss isibu ruħhom fil-mira tal-oppressjoni u l-koersjoni; l-UE ser tintensifika l-appoġġ tagħha politiku u finanzjarju għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u żżid l-isforzi tagħha kontra l-forom kollha ta' ritaljazzjoni. Soċjetà ċivili vigoruża u indipendenti hija essenzjali għall-funzjonament tad-demokrazija u l-implimentazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem; impenn effettiv mas-soċjetà ċivili huwa pedament ta' politika effettiva dwar id-drittijiet tal-bniedem. L-UE tagħti valur kbir lid-djalogu regolari tagħha mas-soċjetà ċivili kemm ġewwa kif ukoll 'il barra mill-UE u tinsab profondament imħassba mill-fatt li xi pajjiżi qed jippruvaw jirrestrinġu l-indipendenza tas-soċjetà ċivili. Bħala donatur prinċipali għas-soċjetà ċivili, l-UE ser tkompli tappoġġa lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem taħt l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem u ser tagħmel l-operazzjonijiet ta' finanzjament aktar flessibbli u aktar aċċessibbli.

### **Ħidma ma' msieħba bilaterali**

Id-drittijiet tal-bniedem ser ikunu fiċ-ċentru tar-relazzjonijiet tal-UE mal-pajjiżi terzi kollha, inklużi s-sħab strateġiċi tagħha. Filwaqt li tkun imsejsa fuq normi universali, il-politika tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem ser titfassal bir-reqqa skont iċ-ċirkostanzi ta' kull pajjiż, ukoll permezz tal-iżvilupp mill-pajjiż ta' strateġiji dwar id-drittijiet tal-bniedem. L-UE ser dejjem tfttex impenn kostruttiv ma' pajjiżi terzi; fid-dawl ta' dan, l-UE ser tkompli tapprofondixxi d-djalogi u l-konsultazzjonijiet tagħha dwar id-drittijiet tal-bniedem ma' pajjiżi sħab u l-għan tagħha hu li tiżgura li dawn id-djalogi jwasslu għal riżultati. L-UE ser tqajjem b'mod vigoruż il-kwistjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem fil-forom adatti kollha ta' djalogu politiku bilaterali, inkluż fl-oġġla livell. Barra minn hekk, l-UE ser taħdem mal-pajjiżi sħab biex tidentifika żoni fejn jistgħu jintużaw l-istrumenti tal-UE għal finanzjament ġeografiku biex jiġu appoġġati proġetti li jirrinforzaw id-drittijiet tal-bniedem, inkluż l-appoġġ għall-edukazzjoni u t-taħriġ dwar id-drittijiet tal-bniedem. Madankollu, meta tiġi wiċċ imb wiċċ ma' vjolażjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, l-UE ser tagħmel użu mill-firxa kollha ta' strumenti għad-dispożizzjoni tagħha, inklużi sanzjonijiet jew kundanna. L-UE ser iżżid l-isforzi tagħha biex tagħmel l-aħjar użu tal-klawsola dwar id-drittijiet tal-bniedem fi ftehimiet qafas politiċi ma' pajjiżi terzi. Fil-pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, l-UE ntrabtet li tappoġġa aġenda komprensiva ta' riforma politika ġestita lokalment li jkollha bħala qofol id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem, inkluż permezz tal-politika ta' "aktar għal aktar". Id-drittijiet tal-bniedem ser jibqgħu fiċ-ċentru tal-politika tal-UE dwar it-tkabbir.

## **Ħidma permezz ta' istituzzjonijiet multilaterali**

L-UE tibqa' impenjata għal sistema multilaterali b'saħħitha dwar id-drittijiet tal-bniedem li tista', b'mod imparzjali, tissorvelja l-implimentazzjoni tan-normi dwar id-drittijiet tal-bniedem u tirrendi responsabbli lill-Istati kollha. L-UE ser tirreżisti bil-qawwa kollha kull tentattiv li jpoġġi f'dubju l-applikazzjoni universali tad-drittijiet tal-bniedem u ser tkompli tesprimi ruħha fl-Assemblea Ġenerali tan-NU, il-Kunsill tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol kontra vjolazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem. Huma essenzjali l-indipendenza u l-effettività tal-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll tat-trattat li jissorvelja l-korpi u l-Proċeduri Speċjali tan-NU. L-UE tissottolinja r-rwol prinċipali tal-Kunsill tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem fl-indirizzar ta' każijiet urġenti ta' vjolazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem u ser tikkontribwixxi b'mod vigoruż għall-funzjonament effettiv tal-Kunsill; l-UE tinsab lesta li tikkoopera għal dan il-għan ma' pajjiżi mir-reġjuni kollha. L-UE tappella lill-membri kollha tal-Kunsill għad-Drittijiet tal-Bniedem biex iżommu l-oġġha standards dwar id-drittijiet tal-bniedem u biex jonoraw l-impenji tagħhom li għamlu qabel l-elezzjoni. Waqt li jilqgħu l-istabbiliment tal-Eżami Perjodik Universali (EPU), l-UE u l-Istati Membri tagħha jimpenjaw ruħhom li jsemmu r-rakkomandazzjonijiet tal-EPU li ġew aċċettati, kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet tal-korpi ta' monitoraġġ tat-Trattat u l-Proċeduri Speċjali tan-NU, fir-relazzjonijiet bilaterali ma' pajjiżi terzi kollha; l-Istati Membri huma daqstant determinati li jiżguraw l-implimentazzjoni ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet ġewwa l-fruntieri tagħhom proprji. Fil-laqgħat li jmiss tal-EPU, l-UE ser tagħti attenzjoni partikolari għal-livell ta' implimentazzjoni mill-pajjiżi terzi tal-impenji tal-EPU li huma aċċettaw u ser tagħmel kull sforz biex tipprovdi appoġġ għal-implimentazzjoni tagħhom.

L-UE ser tkompli bl-impenn tagħha rigward il-ħidma indispensabbli dwar id-drittijiet tal-bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa u l-OSKE. Hi ser taħdem flimkien ma' organizzazzjonijiet reġjonali u oħrajn, bħall-Unjoni Afrikana, l-ASEAN, is-SAARC, l-Organizzazzjoni ta' Stati Amerikani, il-Lega Għarbiya, l-Organizzazzjoni tal-Kooperazzjoni Iżlamika u l-Forum tal-Gżejjer tal-Paċifiku bil-għan li tħeġġeġ il-konsolidazzjoni tal-mekkaniżmi reġjonali għad-drittijiet tal-bniedem.



## **L-UE taħdem flimkien**

Il-mandat demokratiku tal-Parlament Ewropew jagħtih awtorità u kompetenza esperta partikolari fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem. Il-Parlament diġà għandu rwol prinċipali fil-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari permezz tar-risoluzzjonijiet tiegħu. Filwaqt li jiġu rispettati r-rwoli istituzzjonali tagħhom, huwa importanti li l-Parlament Ewropew, il-Kunsill, l-Istati Membri, il-Kummissjoni Ewropea u s-SEAE jintrabtu li jaħdmu flimkien aktar minn qatt qabel sabiex jirrealizzaw l-għan komuni tagħhom li jissaħħaħ ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem.

---

**PJAN TA' AZZJONI TAL-UE DWAR ID-DRITTIJET TAL-BNIEDEM U D-DEMOKRAZIJA**

L-iskop ta' dan il-pjan ta' azzjoni huwa li jimplimenta l-Qafas Strateġiku tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija, b'biżżejjed flessibbiltà sabiex ikun jista' jwieġeb għall-isfidi ġodda li jinqalgħu. Huwa jibni fuq il-korp eżistenti tal-politika tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fl-azzjoni esterna<sup>1</sup>, b'mod partikolari l-linji gwida, settijiet ta' għodda u pożizzjonijiet maqbula oħra tal-UE u d-diversi strumenti finanzjarji, b'mod partikolari l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem

Ir-Rappreżentant Għoli meġjun mis-SEAE, u flimkien mal-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Istati Membri, fi ħdan l-oqsma ta' kompetenza rispettivi tagħhom kif definiti mit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea<sup>2</sup>. Ir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-drittijiet tal-Bniedem għandu jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni, f'konformità mal-mandat tiegħu/tagħha. Il-pjan ta' azzjoni jkopri l-perijodu sal-31 ta' Diċembru 2014.

---

<sup>1</sup> Mingħajr preġudizzju għall-arranġamenti dwar pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali skont il-politika ta' tkabbir tal-UE.

<sup>2</sup> Deċiżjonijiet dwar passi speċifiċi b'x jgħi implimentat dan il-Pjan ta' Azzjoni ser jittieħdu f'konformità mat-Trattati. Il-Pjan ta' Azzjoni ma jaffettwax id-diviżjoni tal-kompetenza bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha, u ser jgħi interpretat f'konformità mad-Dikjarazzjoni 13 tat-Trattati.

<b>Eżitu</b>	<b>Azzjoni</b>	<b>Ske da</b>	<b>Responsabbiltà</b>
<b>I. Id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fil-politika tal-UE kollha</b>			
<b>1. Inkorporazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Valutazzjoni tal-Impatt kollha</b>	Dħul tad-drittijiet tal-bniedem fil-Valutazzjoni tal-Impatt, kif u meta titwettaq għal proposti legi slattivi u mhux legi slattivi, implimentazzjoni ta' miżuri u ftehimiet kummerċjali li għandhom impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali sinifikanti, jew definizzjoni ta' politiki futuri.	Għaddejja bħalissa	Kummissjoni
<b>2. Sħubija ġenwina mas-soċjetà ċivili, inkluż fil-livell lokali</b>	(a) Il-Kapijiet tad-Delegazzjoni tal-UE, il-Kapijiet tal-Missjoni tal-Istati Membri tal-UE, il-kapijiet ta' missjonijiet ċivili u kmandanti tal-operazzjoni għandhom jaħdmu mill-qrib mal-NGOs attivi tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiżi ta' kollokament tagħhom.	Għaddejja bħalissa	SEAE Kummissjoni Stati Membri
	(b) Jiġi żgurat appoġġ effettiv lill-Kumitati ta' Uffiċjali Għolja (CSOs), inkluż permezz tal-Faċilità għas-Soċjetà Ċivili, l-Inizjattiva Ewropea għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR) u programmi u strumenti rilevanti oħra.	Għaddejja bħalissa	Kummissjoni
	(c) Konsolidazzjoni tal-konsultazzjonijiet mas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari dwar inizjattivi u djalogi fuq linji politiċi dwar id-drittijiet tal-bniedem; ħidma fi sħubija sħiħa mas-soċjetà ċivili fil-Forum Annwali bejn l-UE u l-NGO.	Għaddejja bħalissa	SEAE Kummissjoni
<b>3. Valutazzjoni regolari tal-implimentazzjoni</b>	Preżentazzjoni ta l-prestazzjoni ta l-UE fl-ilħuq tal-obiettivi ta l-istrateġija tagħha tad-drittijiet tal-bniedem fir-rapport annwali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja.	Kull sena	SEAE

<b>II. Promozzjoni tal-universalità tad-drittijiet tal-bniedem</b>			
<b>4. Aderenza universali</b>	(a) Intensifikar tal-promozzjoni tar-ratifika u l-implimentazzjoni effettiva ta' trattati internazzjonali prinċipali dwar id-drittijiet tal-bniedem, inkluż strumenti reġjonali għad-drittijiet tal-bniedem.	Għaddejja bħalissa	SEAE Kummissjoni Stati Membri
	(b) Inkoraġġiment lil pajjiżi terzi biex jikkooperaw bis-sħiħ ma' Relaturi Speċjali tan-NU u Esperti Indipendenti dwar id-drittijiet tal-bniedem, inkluż permezz tal-ħruġ ta' inviti permanenti u l-akkoljenza ta' esperti bħal dawn.	Għaddejja bħalissa	SEAE Kummissjoni Stati Membri
<b>5. Kultura ta' drittijiet tal-bniedem u demokrazija fl-azzjoni esterna tal-UE</b>	(a) Jingħata taħriġ dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija lill-persunal kollu: is-SEAE, il-Kummissjoni, id-Delegazzjonijiet tal-UE, il-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK.	Għaddejja bħalissa	SEAE Kummissjoni
	(b) It-tlestija ta' netwerk ta' punti fokali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-Delegazzjonijiet tal-UE u l-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK.	Tmiem l- 2013	SEAE Kummissjoni
	(c) Espansjoni tal-prattika tal-ħidma fuq kwistjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem permezz ta' gruppi ta' ħidma dwar id-drittijiet tal-bniedem iffurmati lokalment fost id-Delegazzjonijiet tal-UE u l-ambaxxati tal-Istati Membri.	Għaddejja bħalissa	SEAE Stati Membri

III. Kisba ta' objettivi politiċi koerenti			
<b>6. Appoġġ effettiv għad-demokrazija</b>	(a) Adozzjoni ta' rapporti u pjanijiet ta' azzjoni dwar id-demokrazija dwar l-ewwel ġenerazzjoni ta' pajjiżi pilota identifikati mill-Konklużjonijiet ta-Kunsill ta' Diċembru 2010.	Tmiem l-2012	SEAE Delegazzjonijiet ta-UE
	(b) Identifikazzjoni tat-tieni ġenerazzjoni ta' pajjiżi pilota li jibnu fuq l-esperjenzi mill-ewwel waħda, filwaqt li jinżamm bilanċ ġeografiku bejn reġjuni differenti.	Kmieni fl-2013	Kunsill SEAE Kummissjoni
	(c) Żvilupp ta' pjanijiet u programmi ta' appoġġ konġunti komprensivi ta-UE dwar id-demokrazija abbażi tal-eżitu tal-eżerċizzju ta-pajjiżi pilota, għal pajjiżi terzi fejn l-UE hija impenjata b'mod attiv fl-appoġġ għad-demokrazija.	Kmieni fl-2014	SEAE Kummissjoni
	(d) Sistematizzazzjoni tal-użu tas-segwitu ta-Missjonijiet ta'Osservazzjoni Elettorali ta-UE u r-rapporti taġġhom bħala appoġġ taċ-ċiklu elettorali sħiħ, u biex tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva tar-rakkomandazzjonijiet taġġhom, kif ukoll tar-rapporti ta' korpi oħra ta' osservazzjoni elettorali (eż. OSCE/OIDHR).	Tmiem l-2012	Kunsill SEAE Kummissjoni Stati Membri

<b>7. Kapaċità permanenti dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fil-Kunsill tal-UE</b>	(a) Twaqqif ta' formazzjoni fi Brussell tal-Grupp ta' Ħidma dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (COHOM).	Tmiem l-2012	Kunsill SEAE
	(b) Aktar żvilupp ta' arranġamaneti għal qsim tal-piż sabiex isir l-aħjar użu mill-kapaċitajiet u l-ħila esperta tal-Istat Membri fil-kisba ta' politika tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem.	Kmieni fl-2013	Stati Membri
<b>8. Kisba ta' aktar koerenza politika</b>	(a) Intensifikar tal-kooperazzjoni bejn il-gruppi ta' ħidma tal-Kunsill dwar id-drittijiet fundamentali (FREMP) u d-drittijiet tal-bniedem (COHOM) biex jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' koerenza u konsistenza bejn il-politika esterna u interna tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem.	Għaddejja bħalissa	Kunsill
	(b) Organizzazzjoni ta' skambji perjodiċi ta' fehmiet fost l-Istati Membri dwar l-aħjar Prattika għall-implimentazzjoni tat-trattati dwar id-drittijiet tal-bniedem.	Kull sena	SEAE Stati Membri
	(c) Jiġi żgurat li dokumenti ta' politika tal-UE fihom referenzi adegwati għall-istrumenti tan-NU u l-Kunsill tal-Ewropa dwar id-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll il-Karta dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-UE.	Għaddejja bħalissa	SEAE Kummissjoni

<b>9. Rispett tad-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali</b>	(a) Kontribut biex tissa wwar l-aġenda dwar id-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali b'fokus speċifiku fuq il-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU u f'kooperazzjoni mill-qrib ma' Relaturi Speċjali tan-NU li jkopru d-drittijiet rispettivi.	Nofs l2013	Stati Membri, SEAE, Kummissjoni
	(b) Jiġu indirizzati kwistjonijiet speċifiċi relatati mad-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali fid-djalogi ma' pajjiżi terzi.	Għaddejja bħalissa	SEAE Kummissjoni
<b>IV. Drittijiet tal-bniedem fil-politiki esterni kollha tal-UE</b>			
<b>10. Ħidma lejn approċċ ibbażat fuq id-drittijiet fil-kooperazzjoni tal-iżvilupp</b>	(a) Żvilupp ta' sett ta' għodda għall-ħidma lejn approċċ ibbażat fuq id-drittijiet għall-kooperazzjoni tal-iżvilupp, bil-għan li jiġu integrati l-prinċipji dwar id-drittijiet tal-bniedem fl-attivitajiet operattivi tal-UE tal-iżvilupp, biex b'hekk jiġu koperti arranġamenti fil-KĠ kif ukoll fil-qasam għas-sinkronizzazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-attivitajiet tal-kooperazzjoni tal-iżvilupp.	2013	Kummissjoni SEAE Stati Membri
	(b) Tiġi inkluża l-valutazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem bħala element ġenerali fl-użu ta' modalitajiet ta' għajnuna tal-pajjiż tal-UE, b'mod partikolari rigward l-appoġġ baġitarju.	2013	Kummissjoni SEAE
	(c) Integrazzjoni tal-kwistjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem fl-avukatura tal-UE fl-aġenda globali tal-iżvilupp u kwistjonijiet globali oħra, b'mod partikolari l-proċess ta' wara l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju.	Għaddejja bħalissa	Kummissjoni SEAE Stati Membri

<b>11. Il-ħidma kummerċjali ssir b'tali mod li tgħin id-drittijiet tal-bniedem</b>	(a) Żvilupp ta' metodoloġija għall-ghajjnuna fil-kunsiderazzjoni tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fpajjiżi terzi b'rabta mat-tnedija jew il-konklużjoni ta' ftehimiet tal-kummerċ u/jew tal-investment.	2014	SEAE Kummissjoni Kunsill
	(b) Tisħiħ tad-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem (jew politiċi) ma' msieħba tal-ftehim ta' kummerċ ħieles biex jiġu inkoraġġuti l-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem (inklużi standards tax-xogħol ċentrali) u japplikaw il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ GSP+ imsaħħaħ.	Għaddejja bħalissa	SEAE Kummissjoni (għall-benefiċjarji tal-GSP+)
	(c) Jiġi żgurat li l-politika ta' investment tal-UE tqis il-prinċipji u l-oġettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, inklużi dawk dwar id-drittijiet tal-bniedem.	2013	SEAE Kummissjoni Kunsill
	(d) Rieżami tar-Regolament 1236/2005 dwar il-kummerċ ta' prodotti li jistgħu jintużaw għall-piena kapitali jew tortura biex tiġi żgurata implimentazzjoni aħjar.	2013	Kummissjoni Kunsill
	(e) Jiġi żgurat li r-ieżami attwali tal-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK dwar l-Esportazzjoni ta' Armi jqis id-drittijiet tal-bniedem u d-Dritt Umanitarju Internazzjonali.	2013	SEAE Stati Membri
	(f) Ħidma biex jiġi żgurat li kriterji sodi għad-drittijiet tal-bniedem huma inklużi fi trattat internazzjonali dwar il-kummerċ tal-armi.	Għaddejja bħalissa	Stati Membri SEAE Kummissjoni



<b>12. Id-drittijiet tal-bniedem riflessi fil-prevenzjoni tal-kunflitt u f'attivitajiet ta' ġestjoni tal-kriżi</b>	(a) Inklużjoni tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem b'ħala wieħed mill-indikaturi għall-matriċi ta' twissija bikrija fl-iżvilupp ta' sistema ta' twissija bikrija tal-UE.	Għaddejja bħalissa	SEAE
	(b) Inklużjoni b'mod sistematiku tad-drittijiet tal-bniedem, il-protezzjoni tat-tfal u l-ugwaljanza bejn is-sessi - u d-dritt umanitarju internazzjonali fejn rilevanti - fil-mandati tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-UE u fil-punti ta' riferiment, ippjanar u evalwazzjoni tagħhom.	Tmiem l- 2014	Kunsill
	(c) Jiġihdem l-approċċ komprensiv tal-UE dwar l-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjonijiet tal-KSNU tal-1325 u l-1820 dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà, b'mod partikolari jiġi żgurat involviment ugwali min-nisa fl-isforzi kollha għaż-żamma tal-paċi u s-sigurtà, inkluż rikostruzzjoni ta' wara l-kunflitt.	2013	SEAE RGħUE Missjonijiet tal- PSDK Kummissjoni
	(d) Tfassil ta' mekkaniżmu għal responsabbiltà fil-każ ta' ksur possibbli tal-Kodiċi ta' Kondotta mill-persunal tal-operazzjoni jew tal-missjoni.	Nofs l-2013	SEAE Kunsill Kummissjoni

<b>13. Integrazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem f'attivitajiet tal-ġlieda kontra t-terroriżmu</b>	(a) Żvilupp ta' gwida operattiva biex tiġi żgurata l-kunsiderazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u fejn applikabbli d-dritt umanitarju internazzjonali, fl-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' proġetti ta' għajnuna fil-ġlieda kontra t-terroriżmu ma' pajjiżi terzi, b'mod partikolari fir-rigward tar-rispett ta' rekwiżiti debiti tal-proċess (preżunzjoni ta' innoċenza, smiġħ xieraq, dritt tad-difiża).	2014	SEAE CTC Kummissjoni Stati Membri
	(b) Jiġi żgurat li kwistjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem jitqajmu fid-djalogi f'kull forma tagħhom dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu ma' pajjiżi terzi.	Għaddejja bħalissa	SEAE CTC Kummissjoni
<b>14. Jiġi żgurat li d-drittijiet tal-bniedem isostnu d-dimensjoni esterna tal-ħidma fl-ispazju ta' 'libertà, sigurtà u ġustizzja' (FSJ)</b>	(a) Tiġi żviluppata lista ta' pajjiżi u reġjuni ta' prijorità għal sħubiji futuri fil-qasam tal-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin.	2012	Kummissjoni Koordinatur għall-kontra t-Traffikar SEAE
	(b) Jiġu żgurati edukazzjoni u taħriġ adegwat ta' persunal diplomatiku u konsulari, sabiex jiġu identifikati u trattati każijiet fejn huwa ssuspettat traffikar.	Għaddejja bħalissa	Stati Membri SEAE
	(c) Jiġi żgurat li kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż it-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem min-nisa, jiġu kkunsidrati fis-Sotto-Kumitati tal-FSJ ma' pajjiżi terzi.	Għaddejja bħalissa	Kummissjoni SEAE

	(d) F'konformità mal-Komunikazzjoni dwar Approċċ Globali għall-migrazzjoni u l-mobbiltà, jiġi żviluppat qafas konġunt bejn il-Kummissjoni u s-SEAE biex jitqajmu kwistjonijiet ta' apolidija u detenzjoni arbitrarja ta' migranti ma' pajjiżi terzi.	2014	Kummissjoni SEAE
<b>15. Tiġi żgurata l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fid-dimensjoni esterni tal-impjegi u l-politika soċjali</b>	Promozzjoni ta' ratifika u implimentazzjoni universali tal-erba' standards tax-xogħol ċentrali tad-dritt umanitarju internazzjonali: il-projbizzjoni tat-tħaddim tat-tfal, il-projbizzjoni fuq xogħol sfurzati, in-non-diskriminazzjoni u l-libertà ta' assoċjazzjoni u n-negozjar kollettiv.	Għaddejja bħalissa	SEAE Stati Membri Kummissjoni
<b>V. Implimentazzjoni tal-prijoritajiet tal-UE fuq id-drittijiet tal-bniedem</b>			
<b>16. Abolizzjoni tal-piena kapitali</b>	(a) Kontribut attiv għal-lobbying dwar ir-Riżoluzzjoni 67 tal-AĠNU dwar il-moratorju fuq il-piena tal-mewt, sabiex jizjed l-appoġġ fost l-Istati Membri filwaqt li jiġi wkoll żviluppat aktar il-kontenut tal-inizjattiva.	Tmiem l- 2012	SEAE Stati Membri
	(b) Twettiq ta' kampanji mmirati lejn il-piena tal-mewt u tisħiħ tal-impenn ma' pajjiżi li għad għandhom il-piena tal-mewt.	2013-2014	SEAE Stati Membri
	(c) Jiġi żgurat kontribut mill-UE fil-Kongress Dinji kontra l-Piena tal-Mewt 2013.	Ġunju 2013	SEAE Stati Membri

<b>17. Eliminazzjoni tat-tortura u trattament jew piena krudili, inumana jew degradanti oħra</b>	(a) Appoġġ b'mod attiv u kontinwu u implimentazzjoni ta l-isforzi kontra t-tortura tan-NU u l-Kunsill tal-Ewropa, inkluż appoġġ għar-Relatur Speċjali tan-NU dwar it-Tortura, il-Fond Volontarju tan-NU għall-Vittmi tat-Tortura, l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Konvenzjoni kontra t-Tortura tan-NU (UNCAT), is-Sottokomitat għall-Prevenzjoni (SPT) u l-Konvenzjoni għall-Prevenzjoni tat-Tortura (CPT).	Għaddejja bħalissa	SEAE Stati Membri
	(b) Promozzjoni tar-ratifika u l-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni kontra t-Tortura (CAT) u l-Protokoll Fakultattiv għall-Konvenzjoni kontra t-Tortura (OPCAT), b'enfasi fuq ir-rwol ta' Mekkaniżmi Preventivi Nazzjonali indipendenti u effettivi.	Għaddejja bħalissa	Stati Membri SEAE
	(c) Integrazzjoni tal-miżuri tal-prevenzjoni kontra t-tortura l-attivitàjiet kollha tal-FSJ, inkluż dawk relatati ma' skopijiet tal-infurzar tal-liġijiet.	Għaddejja bħalissa	Stati Membri Kummissjoni
<b>18. Appoġġ effettiv għad-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem</b>	(a) Żvilupp u implimentazzjoni ta' inizjattiva volontarja biex jiġi ffaċilitat l-għoti ta' kenn temporanju lil difensuri tad-drittijiet ta l-bniedem li qegħdin friskju.	Nofs l-2013	SEAE Stati Membri Kummissjoni
	(b) Promozzjoni ta' aċċess imtejjeb mid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem għall-mekkaniżmi ta' protezzjoni reġjonali u tan-NU, u indirizzar tal-kwistjoni tar-ritaljazzjonijiet kontra difensuri impenjati f'dawk il-mekkaniżmi.	Għaddejja bħalissa	SEAE Stati Membri Kummissjoni
	(c) Pubblikazzjoni ta' dettalji tal-kuntatt tal-punti fokali tad-drittijiet ta l-bniedem tal-missjonijiet kollha tal-UE, kif ukoll l-Uffiċjali ta' Kollegament tal-UE dwar id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fuq is-siti web tas-SEAE u d-Delegazzjonijiet tal-UE.	Tmiem l- 2012	SEAE Stati Membri Kummissjoni

<b>19. Promozzjoni u protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal</b>	(a) Titwettaq kampanja mmirata lejn id-drittijiet tat-tfal b'fokus speċifiku fuq il-vjolenza fuq it-tfal.	2013	SEAE Kummissjoni
	(b) Jiżiedu l-isforzi biex tiġi implimentata l-Istrateġija ta' Implimentazzjoni Rieveduta ta-Linji Gwida ta-UE dwar it-Tfal u l-Kunflitt Armat, u b'mod partikolari jkompli l-appoġġ għall-ħidma tas-SĠ tan-NU fuq it-tfal affettwati mill-konflitti armati (CAAC) u ta-UNICEF.	Tmiem l-2014	SEAE Kummissjoni
	(c) Jiġi żgurat kontribut mill-UE fil-Konferenza Dinjija kontra t-Tħaddim tat-Tfal.	2013	SEAE Kummissjoni
	(d) Promozzjoni ta-l-istabbiliment ta' listi aġġornati ta' xogħol perikoluż (C182, Artikolu 4).	Għaddejja bħalissa	Kummissjoni Stati Membri
<b>20. Protezzjoni tad-drittijiet tan-nisa, u l-protezzjoni kontra l-vjolenza bbażata fuq is-sess</b>	(a) Twettiq ta' kampanja mmirata lejn il-parteċipazzjoni politika u ekonomika tan-nisa b'fokus speċjali fuq pajjiżi fi transizzjoni.	Tmiem l-2013	SEAE
	(b) Appoġġ ta' inizjattivi rilevanti kontra prattiki tradizzjonali perikolużi, b'mod partikolari l-MĠF (mutilazzjoni ġenitali femminili).	Tmiem l-2014	SEAE Stati Membri
	(c) Promozzjoni ta-l-prevenzjoni ta' żwiġijiet kmieni u sfurzati li jaffettwaw it-tfal.	Tmiem l-2014	SEAE Stati Membri

	(d) Implimentazzjonijiet tad-disa' objettivi speċifiċi tal-pjan ta' azzjoni tal-UE dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u s-setgħa tan-nisa fl-iżvilupp 2010-15.	Għaddejja bħalissa	Stati Membri Kummissjoni SEAE
	(e) Appoġġ lil inizjattivi, inkluż tas-soċjetà ċivili, kontra vjolenza bbażata fuq is-sess u l-feminiċidju.	Għaddejja bħalissa	SEAE Kummissjoni Stati Membri
<b>21. Konformità mad-dritt umanitarju internazzjonali (IHL)</b>	(a) Tkomplija tal-implimentazzjoni tal-wegħdiet li għamlet l-UE fil-31 Konferenza Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar u tan-Nofs Qamar l-Aħmar.	Tmiem l- 2014	Stati Membri SEAE Kummissjoni
	(b) Għall-iskop tal-promozzjoni tal-konformità mad-dritt internazzjonali umanitarju u s-salvagwardja tal-aċċess umanitarju, ikompli l-appoġġ għat-tifrix tad-dritt umanitarju internazzjonali għall-partijiet kollha f'kunflitt, inklużi atturi armati mhux statali.	Għaddejja bħalissa	SEAE Kummissjoni
	(c) Isir użu aktar sistematiku tad-djalogu politiku u kampanji ta' inizjattivi biex pajjiżi terzi jiġu inkoraġġuti jirratifikaw l-istrumenti ċentrali tad-dritt umanitarju internazzjonali u jimplementaw l-obbligi tiegħu.	Għaddejja bħalissa	SEAE Kummissjoni
	(d) Promozzjoni tal-adeżjoni minn pajjiżi terzi għad-Dokument Montreux dwar Kumpanniji Privati Militari u tas-Sigurtà.	Għaddejja bħalissa	SEAE Stati Membri

<b>22. Tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem minn-persuni lezjbani, gay, bisesswali u transġeneru (LGBT)</b>	(a) Żvilupp ta' linji gwida pubbliċi tal-UE, li jibnu fuq is-sett ta' għodda tal-UE ta' LGBT (lezjbani, gay, bisesswali u transġeneru).	Nofs l2013	Kunsill
	(b) Żvilupp ta' strateġija tal-UE dwar il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi dwar id-drittijiet tal-bniedem ta' persuni LGBT, inkluż fin-NU u l-Kunsill tal-Ewropa. Promozzjoni tal-adozzjoni ta' impenji fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem ta' LGBT fl-OSKE, inkluż permezz tal-organizzazzjoni ta' avveniment pubbliku fil-qa fas tal-OSKE.	2013	Stati Membri SEAE
<b>23. Libertà ta' Reliġjon jew Twemmin</b>	(a) Żvilupp ta' Linji Gwida pubbliċi tal-UE dwar il-Liberta' ta' Reliġjon jew Twemmin (FoRB) li jibnu fuq strumenti u dokumenti eżistenti, li jfakkru prinċipji ewlenin u li fihom prijoritajiet definiti b'mod ċar u għodda għall-promozzjoni ta' FoRB madwar id-dinja kollha.	Tmiem l-2012	Kunsill
	(b) Preżentazzjoni ta' inizjattivi tal-UE fil-livell tan-NU dwar il-libertà ta' reliġjon jew twemmin, inkluż riżoluzzjonijiet fl-Assemblea Ġenerali u l-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem.	Għaddejja bħalissa	SEAE Stati Membri
	(c) Promozzjoni ta' inizjattivi fil-livell tal-OSKE u l-Kunsill tal-Ewropa u kontribut għall-implimentazzjoni mtejba tal-impenji fil-qasam tal-Libertà ta' Reliġjon jew Twemmin.	Għaddejja bħalissa	SEAE Stati Membri

<b>24. Libertà tal-espressjoni online u offline</b>	(a) Żvilupp ta' Linji Gwida pubbliċi ġodda dwar il-Libertà tal-espressjoni online u offline, inkluż il-protezzjoni ta' bloggers u ġurnalisti.	Tmiem l-2013	Kunsill
	(b) Żvilupp ta' miżuri u għodod għall-espansjoni tal-aċċess għall-internet, trasparenza u reżiljenza biex tiġi indirizzata ċensura mhux diskriminanti jew sorveljanza tal-massa meta jintużaw teknoloġiji ta l-informazzjoni u t-telekomunikazzjoni (ICTs); tingħata s-setgħa lill-partijiet interessati biex jużaw ICTs għall-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, b'kont meħud tal-privatezza tal-kont u l-protezzjoni tad-data personali.	2013	SEAE Kummissjoni Stati Membri
	(c) Jiġi żgurat li huma preżenti perspettiva ċara tad-drittijiet tal-bniedem u valutazzjoni tal-impatt fl-iżvilupp ta' politiki u programmi dwar iċ-ċibersigurtà, il-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità, governanza tal-internet u politiki oħra tal-UE f'dan ir-rigward.	Għaddejja bħalissa	SEAE Kummissjoni
	(d) Inklużjoni tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem bħala wieħed mir-raġunijiet li b'segwitu għalih punti mhux elenkati jistgħu jkunu soġġetti għal restrizzjonijiet ta' esportazzjoni mill-Istati Membri.	2014	Kunsill Stati Membri Kummissjoni
<b>25. Implimentazzjoni tal-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-drittijiet tal-bniedem</b>	(a) Tiġi żgurata l-implimentazzjoni għall-Komunikazzjoni ta l-Kummissjoni dwar ir-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva, b'mod partikolari permezz tal-iżvilupp u t-tixrid ta' gwida tad-drittijiet tal-bniedem għal tliet setturi tan-negozju (ICT; iż-żejt u l-gass; l-aġenziji ta' impjegi u reklutaġġ), u għal intrapriżi ta' daqs żgħir u medju.	2013	Kummissjoni



	(b) Pubblikazzjoni ta' rapport dwar il-prijoritajiet tal-UE għall-implimentazzjoni effettiva tal-Prinċipji Gwida tan-NU.	Tmiem l-2012	Kummissjoni
	(c) Żvilupp ta' pjanijiet nazzjonali għall-Istati Membri tal-UE dwar l-implimentazzjoni tal-Prinċipji Gwida tan-NU.	2013	Stati Membri
<b>26. Amministrazzjoni tal-ġustizzja</b>	(a) Twettiq ta' kampanja dwar il-ġustizzja, li tiffoka fuq id-dritt għal smiġh ġust.	2014	SEAE
	(b) Ikompli jiġi żgurat il-monitoraġġ tas-smiġh ta' kawżi importanti relatati mad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari każi kontra d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem.	Għaddejja bħalissa	Kapijiet tal-Missjoni (HoMs) tal-UE Delegazzjonijiet tal-UE
<b>27. Rispons għall-ksur: tiġi żgurata r-responsabbiltà</b>	(a) Implimentazzjoni tad-Deċiżjoni aġġornata dwar il-QKI (2011/168/PESK), adottata fil-21 ta' Marzu 2011 u l-pjan ta' azzjoni assoċjat, inkluż permezz tal-promozzjoni tar-ratifika u l-implimentazzjoni tal-Istatut ta' Ruma.	Għaddejja bħalissa	Stati Membri SEAE Kummissjoni
	(b) Fil-kuntest tal-obbligu primarju tal-istati li jinvestigaw reati internazzjonali serji, il-promozzjoni u l-kontribuzzjoni għat-tisħiħ tal-kapaċità ta' sistemi ġudizzjarji nazzjonali biex jiġu investigati u jiġu pproċessati dawn ir-reati.	Għaddejja bħalissa	SEAE Stati Membri

	(c) Żvilupp ta' politika dwar ġustizzja transizzjonali, sabiex jiġu meħjuna s-soċjetajiet biex jittrattaw l-abbużi tal-passat u jiġġieldu kontra l-impunità (kummissjonijiet tal-verità u r-rikonċiljazzjoni, riparazzjonijiet, ġustizzja kriminali, rabta mal-QKI), filwaqt li jiġi rikonoxxut li politika b'hal din għandha tippermetti approċċi mfassla apposta għal ċirkostanzi speċifiċi.	2014	SEAE Kummissjoni Stati Membri
<b>28. Promozzjoni tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem ta' persuni li jappartjenu għal minoritajiet</b>	Rieżami tal-aħjar prattiki u jiġi żgurati l-użu ta' strumenti eżistenti tal-UE biex jiġu appoġġati sforzi għall-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem ta' persuni li jappartjenu għal minoritajiet, b'mod partikolari fid-djalogi ma' pajjiżi terzi.	2014	SEAE Kummissjoni Stati Membri
<b>29. Politika msaħħa dwar kwistjonijiet indiġeni</b>	Rieżami u aktar żvilupp tal-politika tal-UE dwar id-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Popli Indiġeni, fid-dawl tal-Konferenza Dinjija dwar Popli Indiġeni tal-2014.	2013-2014	SEAE Kummissjoni Stati Membri
<b>30. Tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem minn persuni b'diżabbiltajiet</b>	(a) Promozzjoni tad-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà, inkluż fi programmi ta' żvilupp, fil-qafas tal-Istrateġija Ewropea dwar id-Diżabbiltà 2010-2020 u l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà.	Għaddejja b'ħalissa	Kummissjoni SEAE
	(b) Aġġornament tan-Nota ta' Gwida dwar id-Diżabbiltà u l-Iżvilupp sabiex tkun konformi mal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà.	2012	Kummissjoni

VI. Ħidma ma' msieħba bilaterali			
<b>31. Impatt fuq il-post permezz ta' approċċi mfasslin apposta</b>	(a) Ikompli l-iżvilupp ta' strateġiji tal-pajjiż lokali għad-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżi terzi u jitlesta l-ewwel ċiklu li għaddej bħalissa. Jiġu vvalutati ta'għlimiet meħuda, inkluż fir-rigward tal-ambitu ġeografiku, u jiġu identifikati l-aħjar Prattiki bħala bażi għat-tieni ċiklu.	2012-2013	SEAE Kummissjoni Stati Membri
	(b) Jiġi żgurati li l-istrateġiji tal-pajjiż dwar id-drittijiet tal-bniedem jiġu kkunsidrati fid-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-politiki, fit-tfassil tal-politika u waqt l-ipprogramar u l-implimentazzjoni tal-assistenza finanzjarja mal-pajjiżi terzi, inklużi fid-Dokumenti dwar l-Istrateġija tal-Pajjiż.	Għaddejja bħalissa	SEAE Kummissjoni Stati Membri
	(c) Jiġi żgurati li l-istrateġiji tal-pajjiż dwar id-drittijiet tal-bniedem huma integrati b'mod effettiv mis-SEAE, il-Kummissjoni u l-Istati Membri.	Għaddejja bħalissa	SEAE Kummissjoni Stati Membri
	(d) Jiġi żgurati segwitu komprensiv għall-istrateġiji tal-pajjiż dwar id-drittijiet tal-bniedem permezz ta' rapporti ta' progress u rieżamijiet annwali.	Kull sena	Delegazzjonijiet tal-UE, HoMS tal-UE
	(e) Jiġi sistematizzati segwitu għar-rapporti ta' progress tal-PEV, inkluż dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, sabiex jiġi żgurati li l-prinċipju ta' "aktar għal aktar" huwa applikat b'mod konsistenti fir-reġjun tal-PEV kollu.	Għaddejja bħalissa	SEAE Kummissjoni

<b>32. Impatt permezz ta' djalogu</b>	(a) Jiġu stabbiliti prijoritajiet, objettivi, indikaturi tal-progress għad-djalogi u konsultazzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem tal-UE, sabiex jiġi ffaċilitat ir-rieżami tagħhom.	2014	SEAE Kummissjoni
	(b) Jitwettaq rieżami rigward l-aħjar prattiki fl-applikazzjoni tal-Artikoli 8 u 96 tal-Ftehim ta' Cotonou, inkluż dwar kif jiġi żgurat segwitu.	2013	SEAE Kummissjoni
	(c) Isir użu sħiħ mir-rakkomandazzjonijiet tal-EPU, il-Korpi ta' Monitoraġġ tat-Trattati u l-Proċeduri Speċjali fl-impenn ma' pajjiżi terzi.	Għaddejja bħalissa	SEAE Kummissjoni Stati Membri
<b>33. Użu effettiv u interazzjoni tal-istrumenti tal-politika esterna tal-UE</b>	(a) Aktar żvilupp ta' metodi ta' ħidma sabiex tiġi żgurata l-aħjar artikulazzjoni bejn id-djalogu, appoġġ immirat, inċentivi u miżuri restrittivi.	2013	SEAE Stati Membri Kummissjoni
	(b) Jiġu żviluppati kriterji għall-applikazzjoni tal-klawsole dwar id-drittijiet tal-bniedem.	2014	SEAE Stati Membri Kummissjoni
<b>VII. Ħidma permezz ta' istituzzjonijiet multilaterali</b>			
<b>34. Multilateraliżmu avvanzat effettiv</b>	Jiġi żviluppat u jintlaħq qbil dwar approċċ annwali għall-identifikazzjoni tal-prijoritajiet fin-NU - u fejn rilevanti fid-dritt umanitarju internazzjonali - fil-laqgħat kollha marbutin mad-drittijiet tal-bniedem f'Ġinevra u New York, f'konsistenza mal-prijoritajiet f'nofs il-perijodu definiti għall-azzjoni tagħha fin-NU.	Kull sena	SEAE Stati Membri

<b>35. Qsim tal-piż effettiv fil-kuntest tan-NU</b>	Tisħiħ tas-sistema eżistenti tal-qsim tal-piż sabiex isir l-aħjar użu tal-kapaċità u l-ħila esperta tal-Istati Membri, biex jissaħħu s-sjeda u r-responsabbiltà tal-imsieħba kollha tal-UE fil-formulazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika tad-drittijiet tal-bniedem tal-UE.	2013	Stati Membri SEAE
<b>36. Mekkaniżmi reġjonali msaħħa għad-drittijiet tal-bniedem</b>	Ikompli l-impenn mal-Kunsill tal-Ewropa u l-OSKE; jiġi intensifikat id-djalogu ma' organizzazzjonijiet reġjonali oħra u jiġu appoġġati u jsir impenn ma' organizzazzjonijiet u mekkaniżmi reġjonali emerġenti għall-promozzjoni tal-istandards universali tad-drittijiet tal-bniedem	Għaddejja bħalissa	SEAE Stati Membri